MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Numru 789/2002

**Illum 1 ta’ Dicembru 2003**

**Il-Pulizija**
**(Spettur J Mercieca)**

**vs**

**Richard Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Richard Fenech ta’ 39 sena iben Nazzareno u Consolata nee’ Caruana imwieled Mellieha nhar fl-4 ta’ Gunju 1963 u li joqghod 28, Triq in-Nahal, Mellieha u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 297063 M.

Akkuzat:

1. Talli f’dawn il-Gzejjer, bejn l-24 ta’ Marzu, 1996 u s-26 ta’ Frar, 2001 bhala detentur jew amministratur tal-fond numru 28, Triq in-Nahal, Mellieha, b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksur l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li wiehed seta’ kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ kurrent elettriku, kkommetta serq ta’ kwantita’ ta’ dawl elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq jammonta ghal sitt mija u tlett liri Maltin u 43 centezmu (Lm 603.43), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont.

2. Barra minn hekk, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe’ meter tad-dawl, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta serq ta’ dawl taht l-Artikolu 264 tal-Kap 9 u l-ikaggunar ta’ hsara volontarja taht l-Artikolu 325 tal-istess Kap 9.

Fir-rigward l-ewwel reat ippotizzat ghalkemm l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat xorta wahda jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-irregolarita.

Fil-kaz in ezami jirrizulta biss s-sigilli tal-meter ma kienux maghfusin bi ‘pliers’ tal-Korporazzjoni. Il-meter pero kien wiehed antik u l-ebda prova ma ngabet li turi li fi zmien li twahhal, is-sigilli gew hekk maghfusa.

Dwar il-levaturi li xiehdu fuqhom l-addetti li marru jispezjonaw il-meter hi l-fehma tal-Qorti li l-provi mhumix konklusivi stante illi, fic-cirkostanzi, kienet tkun l-esibizzjoni tal-meter.

Fir-rigward it-tieni akkuza l-oneru kien interament mixhut fuq il-prosekuzzjoni. Hu wisq car li l-prova ma saritx.

Ghalhekk u billi l-akkuzi ma jirrizultawx qeghdha tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------